

**Brussell, 21 ta' Jannar 2021  
(OR. en)**

**7708/21**

**SOC 199  
EMPL 143**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Italja

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, għall-Italja.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċizzjonijiet tiegħu tad-9 ta' April 2019<sup>2</sup>, il-Kunsill ħatar lill-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' April 2019 sal-31 ta' Marzu 2023.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Aviana Maria Teresa BULGARELLI, sar vakanti post ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tal-Italja nnomina kandidat għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

<sup>2</sup> ĠU C 135, 11.4.2019, p. 1.

## Artikolu 1

Is-Sur Romolo De CAMILLIS huwa b'dan maħtur membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sa Aviana Maria Teresa BULGARELLI, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2023.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill  
Il-President